MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2019

Rikors Maħluf Numru 1039/2017 LM

**Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Julian Galea (K.I. 124481M) sija bil-polza u sija bil-liġi**

***vs.***

**Joseph Galea (K.I. 877545M); u**
**Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' Novembru, 2017 mis-soċjetà attriċi **Atlas Insurance PCC Limited** (C 5601), (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Julian Galea (K.I. 124481M) sija bil-polza u sija bil-liġi, u maħluf minn **Joseph Cortis (K.I. 287770M)**, in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fis-sittax (16) ta' Ġunju, 2017, ġewwa l-Belt Valletta, seħħ inċident tat-traffiku bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF 954 misjuqa mill-intimat Joseph Galea (liema vettura kienet assikurata mas-soċjetà intimata GasanMamo Insurance Limited meta seħħ l-istess inċident), u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBV 551 misjuqa minn u proprjetà ta' Julian Galea (liema vettura kienet assikurata mas-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited abbażi ta' polza tat-tip comprehensive meta seħħ l-istess inċident) (kopja tat-traffic accident report hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A');*

2. *Illi l-istess inċident seħħ tort tal-intimat Joseph Galea (li kien assikurat mas-soċjetà intimata Gasan Mamo Insurance Limited), minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu;*

3. *Illi b'żieda mas-suespost, fil-verżjoni tiegħu mogħtija a tempo vergine lill-pulizija, kif riprodotta fit-traffic accident report, l-intimat Joseph Galea stqarr inter alia illi: "... naħseb marruli l-brakes tat-truck".*

4. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident il-vettura bin-numru KBV 551 proprjetà tal-assikurat Julian Galea ġarrbet ħsarat konsiderevoli tant illi ġiet iddikjarata bħala beyond economical repair (survey report hawn anness u mmarkta bħala 'Dok. B');*

5. *Illi d-danni li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited konsegwenza tal-inċident fuq imsemmi abbażi ta' polza tat-tip comprehensive u skont il-liġi huma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000) u l-intimati huma responsabbli fil-liġi għall-ħlas tad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti konsegwenza ta' dan l-inċident;*

6. *Illi s-soċjetà rikorrenti interpellat lill-intimati sabiex jersqu għall-ħlas tad-danni minnha sofferti konsegwenza tal-fuq imsemmi inċident (Dok. 'C') iżda l-intimati baqgħu inadempjenti.*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex għar-raġunijiet fuq indikati dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna, m'għandhiex:*

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Joseph Galea huwa responsabbli għall-inċident fuq imsemmi tas-16 ta' Ġunju, 2017 ġewwa l-Belt Valletta, liema inċident seħħ tort tal-istess Joseph Galea u konsegwenza ta' liema inċident il-vettura bin-numru KBV 551 ġiet dikjarata bħala beyond economical repair;*

ii. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati Joseph Galea u GasanMamo Insurance Limited (din tal-aħħar bħala l-assikuratriċi tal-vettura bin-numru DAF 954 meta seħħ l-inċident de quo jew ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta), jew min minnhom, huma responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mis-soċjetà rikorrenti naxxenti mill-istess inċident awtomobilistiku;*

iii. *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti konsegwenza tal-istess inċident fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000), jew somma oħra verjuri, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;*

iv. *Tikkundanna u tordna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu lis-soċjetà rikorrenti dawn id-danni hekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kollha kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Ottubru, 2017 u ta' dik ippreżentata kontestwalment ma' din il-kawża kontra s-soċjetà intimata, u bl-imgħax legali mill-10 ta' Ottubru 2017 sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimati li huma jew ir-rappreżentanti ġuridiċi taghom huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Joseph Galea** (K.I. 877545M) u **GasanMamo Insurance Limited** (C 3143) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Diċembru, 2017, u maħlufa minn Malcolm Aquilina (K.I. 259487M), debitament awtorizzat mis-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Limited, li biha eċċipew:

1. *Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar is-16 ta' Ġunju, 2017, fi Triq San Mark, kantuniera ma' Triq Zekka, Valletta, u illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF 954 misjuqa mill-esponenti Joseph Galea, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBV 551, proprjetà ta' Julian Galea u assigurata mis-soċjetà attriċi Atlas Insurance PCC Limited;*
2. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-esponenti Joseph Galea kien b'xi mod jaħti għall-inċident de quo, u dan kif jista' jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*
3. *Illi inoltre, mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni ta' responsabbilità tal-akkadut, il-konvenuti ma humiex qegħdin jikkontestaw il-quantum tad-danni għal dak illi*

*jikkonċerna l-ammont pretiż ta' €22,000, b'dana illi l-istess ammont ta' danni għandu jiġi debitament ippruvat skont il-liġi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Frar, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jagħmlu noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tal-proċeduri odjerni, il-Qorti qiegħda tintalab tiddetermina jekk kienx il-konvenut jew Julian Galea responsabbli għall-inċident li seħħ fis-16 ta' Ġunju, 2017 f'ħabta bejn vettura tat-tip Seat Ateca misjuqa minn Julian Galea u trakk misjuq mill-konvenut, liema inċident seħħ fi Triq Zekka, il-Belt Valletta, fil-parti tat-triq fejn hemm l-inkroċju ma' Triq San Mark. Is-soċjetà attriċi qiegħda tallega li l-inċident inkwistjoni seħħ biss minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut, li niżel minn Triq Zekka allegatament b'veloċità eċċessiva għal dik it-triq, u konsegwenza ta' hekk baqa' dieħel fil-vettura misjuqa minn Julian Galea, li

daret disgħin grad, u l-konvenut baqa' dieħel fil-faċċata, fejn ikkawża wkoll danni minimi. Iż-żewġ vetturi involuti f'dan l-inċident ġew meqjusa li huma *beyond economical repair* wara li ġew spezzjonati mis-*surveyors* tas-soċjetajiet assikuratriċi rispettivi. Il-proċeduri odjerni ġew istitwiti mis-soċjetà attriċi, wara li din ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Julian Galea sabiex jiġi ddikjarat li l-konvenuti huma responsabbli għal dan l-inċident, u li konsegwentement dawn għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni kkawżati minnhom.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom wieġbu li m'għandhomx jinżammu responsabbli għall-ħlas tad-danni, stante li l-konvenut Joseph Galea m'għandux jinstab ħati li kkaġuna dan l-inċident. Intqal ukoll li l-*quantum* tad-danni pretiżi mhux qiegħed jiġi kkontestat, u għalhekk l-unika indaġni li trid tagħmel il-Qorti f'din il-kawża hija dwar min mill-partijiet kien responsabbli għall-inċident *de quo.*

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident, minn fejn jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ fi Triq San Mark, kantuniera ma' Triq Zekka, il-Belt Valletta, bejn it-trakk misjuq mill-konvenut, u l-vettura misjuqa minn Julian Galea. Mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li meta il-konvenut tkellem mal-Pulizija wara l-inċident, qal li waqt li kien qiegħed isuq it-trakk jaħseb li kienu marrulu l-brejkijiet, u kien għalhekk li baqa' dieħel fil-vettura misjuqa minn Julian Galea. Ġiet ippreżentata wkoll kopja tas-*survey report* li sar mis-*surveyor* li eżamina l-vettura ta' Julian Galea, li kkonluda li l-ispiża totali għat-

tiswija tal-vettura ta' Julian Galea kienet fis-somma ta' €20,690.56.[1] Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll għadd ta' ritratti li juru l-istat tal-vettura ta' Julian Galea wara l-inċident. Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenuti fl-10 ta' Ottubru, 2017, fejn dawn ġew interpellati jersqu għall-ħlas tad-danni sofferti minn Julian Galea konsegwenza tal-imsemmi inċident.[2]

Fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2018 xehed **Owen Ciantar**[3], li jaħdem bħala *surveyor* mas-soċjetà Atlas Insurance, li qal li kien hu li ħejja s-*survey report* għas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li meta eżamina l-vettura misjuqa minn Julian Galea sab ħsara kbira, fosthom fuq l-istruttura u anki fuq il-mekkaniżmu tal-vettura, minħabba li ħarġu l-*airbags* kollha li kien fiha l-vettura, inqasmet biċċa mill-magna, u kien hemm ħsara fil-*gear box*, u minħabba f'din il-kwantità ta' ħsarat, huwa kkonkluda li l-karozza kienet *total loss* u li ma kellhiex tissewwa.

Fl-istess udjenza xehed **Joseph Cortis**[4], li qal li hu jaħdem bħala *auto engineer* u *surveyor* mas-soċjetà Atlas Insurance. Ix-xhud qal li wara li ra s-*survey report* li ġie ppreparat minn Owen Ciantar, hu reġa' ra l-vettura sabiex jikkonferma l-estensjoni tal-ħsarat, u qal li mill-ħsarat li sab fuq il-vettura seta' jikkonferma li l-impatt li kien hemm kien wieħed sostanzjali. Qal li biex joħorġu l-*airbags* ta' vettura, il-veloċità trid tkun ta' aktar minn tletin kilometru fis-siegħa. Ix-xhud qal li kien hemm qbil mas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited dwar ir-*wreck value* tal-vettura ta' Julian Galea, li kien ta' tlett elef Euro (€3,000).

[1] *A fol.* 14 tal-proċess.
[2] *A fol.* 34 u 35 tal-proċess.
[3] A fol. 47 tal-proċess.
[4] *A fol.* 49 tal-proċess.

**Julian Galea** fl-*affidavit* tiegħu qal[5] fis-16 ta' Ġunju, 2017, hu kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Seat Ateca bin-numru ta' reġistrazzjoni KBV 551, fi Triq San Mark, il-Belt Valletta, fejn kellu riekeb miegħu lil ibnu ta' sentejn li kien qiegħed fiċ-*child seat.* Qal li hu kien qiegħed isuq bil-mod ħafna, u għadda minn fuq is-*sleeping police* li hemm fi Triq San Mark u waqaf fuq *stop sign,* u sussegwentement ittawwal mill-mera (li hemm fil-kantuniera) sabiex jassigura li ma kienet nieżla l-ebda vettura min-naħa tal-lemin tiegħu. Qal li sa fejn kellu viżwal, min-naħa tal-lemin tiegħu ma ra li kien nieżel ħadd, u b'hekk ħareġ ftit aktar, bil-mod, u f'daqqa waħda ra trakk nieżel b'veloċità qawwija minn Old Mint Street, it-tul ta' madwar ħames vetturi 'l bogħod minnu. Julian Galea qal li minkejja li hu kien fit-triq, it-trakk baqa' ma naqqasx mill-veloċità, bir-riżultat li baqa' dieħel fuqu u laqtu b'impatt qawwi fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura tiegħu, tant li dawru 90 grad u kaxkru għal Triq Zekka, bit-trakk jibqa' dieħel fil-ħajt tal-kantuniera ta' bejn Triq Zekka u Triq San Mark. Wara l-inċident is-sewwieq tat-trakk beda jgħid li ma ħadmulux il-brejkijiet, tant hu hekk qal dan anki lill-Pulizija meta dawn marru fuq il-post tal-inċident. Ġie stabbilit ukoll li t-trakk ma ħalla ebda marki tal-brejkijiet fl-art. Julian Galea spjega li t-triq inkwistjoni hi waħda wieqfa ħafna, li meta wieħed jinżilha bi trakk kbir u tqil bħalma kien qiegħed isuq il-konvenut, wieħed għandu jinżilha bil-brejkijiet magħfusin. Qal ukoll li hu u ibnu ta' sentejn li kien riekeb fil-vettura miegħu ma ġralhom xejn minħabba li l-vettura tiegħu kienet ġdida fjamanta u mgħammra b'diversi *safety features.* Qal li l-vettura li kienet qiegħda tinstaq minnu inxtrat ġdida bil-prezz ta' €25,000 u kienet ilha barra inqas minn sitt xhur. Ix-xhud qal li dak iż-żmien hu kien assigurat ma' Atlas Insurance PCC Limited taħt polza tat-tip *fully comprehensive,* u wara l-inċident, l-istess

[5] *A fol.* 51 tal-proċess.

soċjetà kienet ħallsitu d-danni kollha sofferti minnu. Qal ukoll li hekk kif tħallas mingħand il-kumpannija tal-assigurazzjoni tiegħu, huwa kien reġa' xtara l-istess tip ta' vettura.

Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja tal-ftehim li permezz tiegħu Julian Galea kien xtara l-vettura involuta fl-inċident mertu tal-kawża mingħand Continental Cars Limited[6], flimkien mal-*log book* tal-vettura.[7] Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' ftehim iffirmat fit-22 ta' Ġunju, 2017, bejn min-naħa l-waħda Julian Galea, u s-soċjetà Atlas Insurance PCC Limited min-naħa l-oħra, liema ftehim jindika li Julian Galea rċieva l-ħlas ta' €27,000 mingħand is-soċjetà attriċi bħala ħlas tad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-imsemmi inċident.[8]

Fl-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2018 xehed il-**PS 1114 Marlon Hili**[9], li qal li meta waslu l-Pulizija fuq il-post tal-inċident, is-sewwieq tat-trakk infurmahom illi hekk kif kien nieżel minn Triq Zekka, marrulu l-brejkijiet tat-trakk, u malli wasal fil-kantuniera sab vettura, u minkejja li pprova jevitaha xorta waħda laqatha u baqa' dieħel fil-faċċata. Ix-xhud qal li ladarba t-triq inkwistjoni hi niżla f'żona residenzjali, hu tal-fehma li sewwieq għandu jinżilha bl-għaxar kilometri fis-siegħa. Ix-xhud qal li t-trakk involut fl-inċident ukoll ġarrab ħsarat estensivi, u dan baqa' dieħel fil-faċċata tal-knisja li hemm fl-inħawi, li wkoll kellha xi ħsarat għalkemm mhux daqstant estensivi.

[6] *A fol.* 72 tal-proċess.
[7] *A fol.* 73 tal-proċess.
[8] *A fol.* 75 tal-proċess.
[9] *A fol.* 82 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 20187 xehed **Joseph Griffiths**, impjegat bħala coordinator mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta[10], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, ma kien hemm l-ebda sinjali fi Triq iz-Zekka kantuniera ma' Triq San Mark li jindikaw li sewwieq irid jieqaf, jew xi senjaletika oħra. Ix-xhud ippreżenta ritratt biex jindika s-senjalar li hemm fit-triq.[11]

Fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2018 xehed **Mark Micallef**[12], li qal li hu jaħdem bħala *motor vehicle surveyor* mal-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited, u ilu jagħmel dan ix-xogħol għal madwar 25 sena. Ix-xhud qal li wara l-inċident hu kien ikkonstata li l-*brake pipes* tat-trakk kienu qegħdin jaħdmu tajjeb, u li ftit taż-żmien qabel l-inċident, it-trakk kien ingħata *service*. Madanakollu qal ukoll li bid-daqqa li kellu t-trakk u bil-ħsarat li ġarrab konsegwenza tal-inċident, hu ma setax jikkonferma jekk fil-ħin li fih seħħ l-inċident, is-sistema tal-brejkijiet kinitx qiegħda taħdem tajjeb. Ix-xhud qal li l-ħsarat li ġarrab it-trakk kienu estensivi, u hu kien stabbilixxa li fil-ħin tal-inċident dan it-trakk kien qiegħed jinstaq b'veloċità qawwija, u bilfors li kien hemm ċertu *momentum* biex it-trakk baqa' dieħel fil-ħajt wara li laqat il-vettura ta' Julian Galea. Ix-xhud qal ukoll li t-triq inkwistjoni hi waħda miksija bis-siment u mhux bit-*tarmac,* u meta wieħed isuq fuq it-*tarmac* ikollu aktar *grip* fuq it-triq.

Fl-*affidavit* tiegħu **Mario Muscat**, is-sid tat-trakk involut fl-inċident inkwistjoni, qal[13] li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, it-trakk inkwistjoni kien assigurat taħt polza tat-tip *third party only* mas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited. Qal li dan it-trakk ftit li xejn jintuża minnu, u jintuża ħafna mill-ħaddiema tiegħu għal

[10] *A fol.* 94 tal-proċess.
[11] *A fol.* 97 tal-proċess.
[12] *A fol.* 98 tal-proċess.
[13] *A fol.* 118 tal-proċess.

xogħol ta' tqassim. Speċifika wkoll li ma jistax ikun li dakinhar tal-inċident it-trakk kienu marrulu l-brejkijiet, għaliex dan kien ġie sservisjat madwar xahrejn qabel l-inċident, u ppreżenta dokument li jindika li l-*brake pads* tat-trakk kienu inbidlu waqt dan is-*service.* Ix-xhud qal illi anki wara l-inċident, is-*surveyor* kien stabbilixxa li l-brejkijiet tat-trakk kienu qegħdin jaħdmu tajjeb. Qal ukoll li mhux minnu li l-konvenut Joseph Galea huwa l-proprjetarju tat-trakk, għaliex il-proprjetarju huwa hu.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018 xehdet **Gabriella Agius**, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta[14], li qalet li fi Triq San Mark hemm *stop sign* qabel wieħed jasal għal Triq Zekka, u fi Triq Zekka m'hemm l-ebda *stop sign,* għaliex hija triq li wieħed jibqa' għaddej minnha. Ix-xhud qalet li hi ma marritx fuq il-post sabiex tagħmel il-verifiki tagħha *in situ.* Lix-xhud sarilha riferiment għar-ritratt *a fol.* 53 tal-proċess, u ġiet mistoqsija jekk sinjal bl-abjad li jidher fl-art jistax ikun xi sinjal li jindika li wieħed irid jieqaf, li kien hemm fit-triq fiż-żmien meta seħħ l-inċident. Ix-xhud wieġbet li l-linja hija ċara ħafna, u għaliha m'hemm l-ebda sinjal viżibbli fl-art. Ix-xhud qalet li jkun hemm istanzi fejn sinjali jitgħattew b'żebgħa sewda, u f'dawk iċ-ċirkostanzi, tali sinjali ma jibqgħux operattivi.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018, sar il-kontroeżami tax-xhud **Julian Galea**[15], li kkonferma li dakinhar tal-inċident hu kien għaddej minn Triq San Mark, u li dak il-ħin il-fluss tat-traffiku kien wieħed normali. Qal li dak il-ħin hu kien wieqaf zoptu, isuq bil-*clutch* u l-brejk. Qal ukoll li apparti li ħares fuq il-mera sabiex jivverifika kienx hemm vetturi ġejjin minn xi naħa, hu dawwar wiċċu

[14] *A fol.* 129 tal-proċess.
[15] *A fol.* 141 tal-proċess.

wkoll sabiex jassigura li ma kien ġej ħadd min-naħa opposta. Ix-xhud qal li hu beda ħiereġ fit-triq bil-mod, u li sa dak il-ħin hu kien għadu ma rax it-trakk ġej mid-direzzjoni l-oħra. Qal li l-impatt bejn il-vetturi ġara f'temp ta' ftit ħin, u hu ma kellu l-ebda mod kif jipprova jevita t-trakk ġej minn faċċata. Ix-xhud qal ukoll li mal-impatt hu spiċċa fi Triq Zekka, wara li dar 90 grad 'l isfel. Julian Galea qal ukoll li ż-żewġ vetturi involuti f'dan l-inċident kellhom ħsarat estensivi, tant hu hekk li ma setgħux jiġu msewwija. Żied jgħid li kif is-sewwieq tat-trakk ħareġ fit-triq, dan beda jgħid li marrulu l-brejkijiet. Ix-xhud qal ukoll li l-ewwel impatt fuq il-vettura tiegħu kien man-naħa tal-lemin tagħha.

Fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2018 xehed in kontroeżami **Joseph Cortis**[16], li qal li hu spezzjona l-vettura misjuqa minn Julian Galea wara li kien raha s-*surveyor* tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li mid-danni li sofriet din il-vettura, hu seta' jistabbilixxi li l-impatt kien wieħed laterali, u l-fatt li ħarġu l-*airbags* tal-ġenb jindika li l-impatt kien wieħed laterali, kif ukoll frontali minħabba li ħarġu wkoll l-*airbags* ta' quddiem. Ix-xhud ikkonferma li biex ħarġu l-*airbags* tal-ġenb u ta' quddiem, il-vettura l-oħra kienet qiegħda tinstaq b'veloċità ta' madwar 30 kilometru fis-siegħa. Ix-xhud qal li l-vettura inkwistjoni hi mgħammra b'*b-sensor,* li biex jiġi attivat, irid ikun hemm impatt. Ix-xhud spjega l-mod kif jaħdem dan is-*sensor* b'dan il-mod:

> "Li kieku kien hemm karozza qed tirriversja bil-mod u laqtet, laqtet il-*b-post* ma joħroġx. Għaliex? Għaliex is-*sensor* xogħlu huwa jiddetermina il-kwantità ta' impatt u jekk jistax ikun perikoluż għall-passiġġieri. F'dan il-każ il-fatt illi ħareġ jidher illi kien hemm impatt eċċessiv u ta' ċertu gravità. Għalhekk ħareġ. ... Ħa ngħidlek xi ħaġa oħra. Il-manifattur meta jiddisinjah, jiddisinjah b'tali mod, *one for safety* u barra minn hekk ma jkunx hemm impatt kbir m'għandux għalfejn joħroġ inkella toqgħod tibdel l-*airbags* u l-*airbags* huma spiża kbira biex tagħmilhom jiġifieri."

[16] *A fol.* 160 tal-proċess.

Ix-xhud qal li hu jista’ jgħid b’ċertezza li t-trakk kien nieżel b’veloċità li teċċedi t-tletin kilometru fis-siegħa. Ix-xhud spjega li l-vettura misjuqa minn Julian Galea, hija vettura tat-tip SUV (*sport utility vehicle*), li hi vettura ta’ ċertu saħħa. Ix-xhud qal li bl-impatt li kien hemm, is-*suspension system* tal-vettura ta’ Julian Galea daħlet ’il ġewwa, ċaqalqet il-magna, kissret il-blokka tal-magna u kissret il-blokka tal-*gearbox,* u qal li dawn il-fatturi huma kollha indikazzjonijiet li l-impatt kien wieħed vjolenti. Ix-xhud qal ukoll li t-trakk dak il-ħin kellu ċertu *momentum,* u wara li daħal fil-vettura misjuqa minn Julian Galea, dan baqa’ dieħel ġol-kantuniera, u kkawża ħsarat fil-faċċata tal-bini.

Il-konvenuti ppreżentaw kopja ta’ skambju ta’ *emails* li kien hemm bejn l-avukat difensur tal-konvenuti u l-*after sales manager* tas-soċjetà Continental Cars Limited, kif ukoll kopja tal-manwal tal-vettura Seat Ateca.[17]

Fl-udjenza tas-16 ta’ Jannar, 2019 xehed il-konvenut **Joseph Galea**[18], li qal li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed iħott ix-xogħol fil-ġnien ta’ Hastings, meta dar għal Triq Zekka u beda nieżel bil-mod fuq is-*second gear.* Qal li meta wasal Triq San Mark ra vettura ħierġa b’veloċità qawwija, żamm brejk, iżda minkejja dan kien hemm impatt, tant hu hekk li huwa baqa’ dieħel fil-kantuniera tal-lemin, mad-daqqa dar, u ħabat mal-kantuniera. Il-konvenut qal li fil-parti tat-triq minn fejn kien nieżel hu ma kien hemm l-ebda senjaletika mal-art, iżda kien hemm sinjali fil-parti tat-triq minn fejn ħareġ Julian Galea. Qal li meta hu qal lill-Pulizija li fil-ħin tal-impatt lilu kienu marrulu l-brejkijiet, ma kienx jaf x’inhu jgħid minħabba li konsegwenza tal-inċident, hu ħassu ħażin. Il-konvenut qal li mhux minnu li fil-ħin tal-inċident huwa kien nieżel

[17] *A fol.* 171 *et seq.* tal-proċess.
[18] *A fol.* 219 tal-proċess.

b'veloċità ta' aktar minn tletin kilometru fis-siegħa, u qal li l-aktar veloċità li seta' kien għaddej biha kienet ta' għoxrin kilometru fis-siegħa u hu l-ħin kollu beda jagħfas il-brejkijiet. Qal ukoll li dakinhar tal-inċident hu ma ra l-ebda *stop sign* mal-art, għalkemm qal li hu xorta waħda kien nieżel bil-mod ħafna mit-triq. Għad-domanda li saritlu b'riferiment għall-ħsara li ġarrbu ż-żewġ vetturi involuti fl-inċident, ix-xhud qal li kien is-sewwieq tal-vettura li ħareġ b'veloċità qawwija u mhux hu. Il-konvenut qal ukoll li meta hu induna bil-vettura l-oħra, hu kien wasal viċin tagħha ħafna.

Għad-domandi li sarulu in kontroeżami fl-udjenza tas-6 ta' Frar, 2019[19], il-konvenut qal li minkejja li fl-istqarrija li ta lill-Pulizija, hu kien qalilhom li meta induna li l-brejkijiet ma ħadmulux, hu pprova jitfa' fil-kantuniera, fil-verità kien Julian Galea li tefgħu fil-kantuniera bid-daqqa li tah. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident hu ma ħassx il-ħtieġa li jinforma lill-Pulizija li kien is-sewwieq tal-vettura l-oħra li ħariġlu b'ċerta veloċità u dan għaliex fil-ħin li ta l-istqarrija hu kien qiegħed jittieħed l-isptar bl-ambulanza. B'riferiment għall-fatt li l-vettura misjuqa minn Julian Galea daret disgħin grad mal-impatt, ix-xhud qal li dan seħħ minħabba li l-vettura li kellu l-inċident magħha hija ħafifa, filwaqt li t-trakk hu aktar tqil. B'riferiment għal-linja bajda li tidher fit-triq mir-ritratti esebiti, fejn jidher ukoll it-trakk misjuq mill-konvenut dakinhar li seħħ l-inċident, ix-xhud qal li dakinhar hu ma rax din il-linja.

[19] *A fol.* 226 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-partijiet konvenuti f'din il-kawża jsostnu li huma m'għandhomx jinżammu responsabbli għall-inċident inkwistjoni, għalkemm da parti tagħhom m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni f'każ li l-Qorti ssib li huma għandhom jinżammu responsabbli għall-ħlas tad-danni konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża. Għaldaqstant l-evalwazzjoni tal-provi li trid issir mill-Qorti hija sabiex jiġi determinat il-konvenut għandux jinżamm responsabbli għall-inċident *de quo.*

Il-Qorti semgħet kif l-inċident inkwistjoni seħħ fi Triq Zekka, il-Belt Valletta, fil-kantuniera bejn Triq San Mark u Triq Zekka, triq b'niżla wieqfa ħafna, bil-wiċċ tas-siment u mhux bit-*tarmac*, fejn trid tintuża aktar kawtela milli tintuża normalment f'toroq oħra, u dan minħabba kif qal wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija li xehdu f'din il-kawża, kull veloċità li teċċedi l-għaxar kilometri fis-siegħa hija perikoluża fi triq bħal din. Jirriżulta li Julian Galea kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Seat Ateca, li meta seħħ l-inċident kienet għadha prattikament ġdida, tant hu hekk li kienet ilha fit-triq madwar sitt xhur biss. Il-konvenut kien qiegħed isuq trakk li kien mgħobbi b'materjal li tgħabba minn Ġnien Hastings. Dan it-trakk kien ilu jinstaq għal aktar minn erbgħin sena. Jirriżulta mill-provi li fl-ewwel stqarrija li l-konvenut kien ta lill-Pulizija ftit wara li seħħ l-inċident, dan qal li huwa kien ipprova jagħfas il-brejkijiet tat-trakk, iżda dawn ma ħadmux, bir-riżultat li baqa' dieħel fil-vettura ta' Julian Galea, din daret disgħin grad, u sussegwentement huwa baqa' dieħel fil-faċċata ta' bini li hemm fl-istess triq u kkaġuna dannu fl-istess faċċata, għalkemm dan id-dannu kien wieħed minimu. Imma l-konvenut meta xehed quddiem il-Qorti fis-16 ta' Jannar, 2019, bidel il-verżjoni tiegħu dwar il-mod kif seħħ l-inċident u

qal li meta hu kien ta l-stqarrija lill-Pulizija wara l-inċident, hu ma kienx jaf x'inhu jgħid, u l-inċident seħħ minħabba li kien Julian Galea li ħareġ minn Triq San Mark b'veloċità eċċessiva, bir-riżultat li l-konvenut, li kien qiegħed isuq vettura ferm akbar minn dik ta' Julian Galea, ma setax jieqaf fil-ħin biex jevita li jibqa' dieħel fil-vettura misjuqa minn Julian Galea. Dwar iż-żewġ verżjonijiet mogħtija mill-konvenut, il-Qorti tqis illi l-verżjoni li ngħatat *a tempo vergine* ġeneralment hija l-aktar waħda kredibbli għaliex ingħatat spontanjament f'mument fejn is-sewwieq ma kellu ebda ċans joqgħod iqis x'jaqbillu jgħid.[20]

It-tieni verżjoni tal-konvenut hija kontradetta minn dak li qal ix-xhud Julian Galea, li spjega li biex ħareġ minn Triq San Mark, hu ħares fuq il-lemin tiegħu kif ukoll ittawwal tajjeb fil-mera sabiex jara jekk kienx ġej xi ħadd fit-triq. Julian Galea spjega wkoll li meta ra t-trakk tal-konvenut ġej għal fuqu, dan kien għaddej qisu *bullet* u mhux trakk, tant kemm kienet għolja l-veloċità li kien qiegħed jinstaq biha. Ix-xhud Julian Galea qal ukoll li tant kien immedjat l-impatt, li kien impossibbli għalih li jevita lill-konvenut, bir-riżultat li seħħ l-inċident inkwistjoni fejn il-vettura misjuqa mix-xhud Julian Galea spiċċat daret disgħin grad.

Il-Qorti wara li għarblet iż-żewġ verżjonijiet dwar il-mod kif seħħ l-inċident inkwistjoni, waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut ftit li xejn għandha mill-verità. Lil hinn mill-kwistjoni li nqalgħet waqt is-smigħ tal-kawża dwar jekk fit-triq kienx hemm senjaletika ċara biżżejjed li tindika lis-sewwieqa li jkunu ġejjin minn Triq Zekka biex jieqfu qabel jidħlu fi Triq San Mark, il-Qorti hija tal-fehma li anki fl-eventwalità li fit-triq ma kien hemm l-ebda senjaletika, sewwieqa li kienu ġejjin minn niżla wieqfa ħafna, bil-wiċċ

[20] Ara **Andrew Ciantar *vs.* Joseph Coleiro**, P.A., 13.07.2001.

tas-siment u mhux bit-tarmac, bħalma hija Triq Zekka, kellhom jużaw kawtela aktar minn dik li normalment tintuża f'toroq oħra. Speċjalment jekk is-sewwieq, bħal fil-każ tal-konvenut, ikun qed isuq trakk ta' ċertu daqs, iktar u iktar jekk dan ikun mgħobbi bil-materjal, li jagħmilha kważi impossibbli li jwaqqaf ħesrem vettura bħal dik, f'każ li tinqala' xi ħaġa imprevista li tagħmilha impellenti li l-vettura titwaqqaf f'salt. Pereżempju seta' ġara li fit-triq qasam tifel b'mod inaspettat, jew tfaċċat vettura li tkun ħarġet minn post ta' parkeġġ mal-ġenb tat-triq, u dawn iċ-ċirkostanzi jagħmluha impellenti li l-vettura titwaqqaf f'salt.

F'dan il-każ jirriżulta li l-vettura misjuqa minn Julian Galea ħarġet minn fuq l-i*stop sign* fi Triq San Mark kantuniera ma' Triq iz-Zekka, u seħħ l-impatt mat-trakk li kien nieżel in-niżla ta' Triq iz-Zekka, b'veloċità li kienet ferm aktar mill-għaxar kilometri fis-siegħa li hu rakkommandat li jinżammu fi triq residenzjali li tkun wieqfa ħafna bħalma hija t-triq inkwistjoni. Il-Qorti tqis li mhu xejn verosimili li kien Julian Galea li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, peress li fi Triq San Mark qabel ma tiġi kantuniera ma' Triq Zekka, kien hemm *sleeping policeman* u *stop sign*, li għandhom l-iskop li jirrallentaw l-veloċità tat-traffiku. Barra minn hekk it-triq hija waħda dejqa u passaġġa li minnha jgħaddu diversi persuni li jkunu deħlin il-Belt bil-pass. Terġa' u tgħid Julian Galea kellu fil-vettura miegħu lil ibnu tarbija ta' sentejn ġo *child seat*, apparti li dan kien qiegħed isuq karozza tista' tgħid ġdida fjamanta. Dawn huma lkoll ċirkostanzi li jagħmlu verosimili li Julian Galea kien qiegħed isuq bil-galbu u li jimmilitaw għalkollox kontra t-tieni verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-konvenut fejn dan sostna li kien Julian Galea li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva fl-inkroċju bejn Triq San Mark u Triq Zekka. Anki mill-ħsarat li ġarrbu l-vetturi, jirriżulta b'mod mill-aktar ċar li l-vettura li kkawżat l-impatt, it-trakk misjuq mill-

konvenut, kien qiegħed jinstaq b'veloċità li kienet eċċessiva għal dik it-triq partikolari, u kemm minħabba t-toqol tal-materjal li kien qiegħed iġorr dak il-ħin, kif ukoll minħabba li l-veloċità kienet waħda qawwija, is-sewwieq ma rnexxilux jikkontrolla l-vettura b'mod li jiġi evitat l-inċident inkwistjoni.

Mill-provi jirriżulta li l-konvenut naqas milli javviċina b'kawtela l-parti tat-triq fejn hemm l-inkroċju li ħareġ minnu Julian Galea, tant hu hekk li l-konvenut baqa' nieżel b'ċerta veloċità li ma tistax titqies għaċ-ċirkostanzi ta' dik it-triq partikolari, ħlief li kienet waħda eċċessiva. Fost il-ħsarat sostnuti mill-vettura misjuqa minn Julian Galea, ġie stabbilit li kien hemm qsim fil-magna, qsim fil-*gear box,* infetħu l-*airbags* kollha tal-vettura, kemm dawk tal-ġnub kif ukoll dawk fil-parti ta' quddiem, u apparti minn hekk iż-żewġ vetturi tal-partijiet ġew iddikjarati li kienu *total loss* b'mod li kellhom jiġu skrappjati t-tnejn li huma.

Il-Qorti hija konvinta li l-inċident mertu tal-kawża seħħ minħabba li l-konvenut naqas milli juża d-diliġenza u l-prudenza li kellu juża sewwieq ta' trakk ta' ċertu kobor u toqol, sabiex jevita l-inċident inkwistjoni, kemm għax ma żammx mal-limiti tal-veloċità li hu prudenti li jinżamm f'niżla wieqfa bħal dik fi Triq Zekka il-Belt, kif ukoll billi ma żammx il-*proper lookout* meħtieġa sabiex jagħraf jikkontrolla l-vettura misjuqa minnu f'każ li jkollu għalfejn iwaqqafha b'mod immedjat.[21] Għalhekk qiegħed jiġi stabbilit li l-konvenut għandu jġorr ir-responsabbilità kollha għall-inċident inkwistjoni.

---

[21] Skont ir-Regolament numru 76 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-vetturi bil-mutur (A.L. 28 tal-1994):
"Triq prinċipali hi dik li t-traffiku kollu li jkun għaddej minnha jkollu d-dritt tal-mogħdija u t-traffiku u t-toroq li jagħtu għaliha għandhom jagħmlu l-wisa' lil dak tat-triq imsemmija hawn fuq, iżda b'danakollu d-drivers ta' kull vettura bil-mutur sew fi triq prinċipali jew sekondarja għandu joqgħod attent il-ħin kollu u għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera."

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mogħtija mill-konvenuti;**

2. **Tiddikjara li l-konvenut Joseph Galea huwa responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża li seħħ fis-16 ta' Ġunju, 2017 ġewwa l-Belt Valletta, liema inċident seħħ tort tal-istess Joseph Galea u konsegwenza ta' liema inċident il-vettura bin-numru KBV 551 ġiet dikjarata bħala *beyond economical repair*;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi konsegwenza tal-istess inċident fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000);**

4. **Tikkundanna u tordna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi d-danni hekk kif likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.